MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 288/2012

**Victor Gatt, Joseph Gatt, Agnes armla tal-Kaptan Joseph Gabriele, Evelyn armla ta' Dr Francis Chetcuti, Gemma armla ta' George Vella u Louis Sant'Angelo u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2014 il-qorti awtorizzat li Maltapost plc tassumi l-atti tal-kawza minflok l-atturi**

**Vs**

**David Armeni u b'digriet moghti fl-24 ta' April 2012 gew imsejhin fil-kawza Michael u Agnes konjugi Pace**

Din is-sentenza hi limitata ghall-ispejjez gudizzjarji relatati mal-imsejhin konjugi Pace. Fir-rikors guramentat l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

*"1. Tikkonferma illi l-fond numru 19 Railway Avenue, Hamrun huwa fond dominant u jgawdi dritt ta' servitu ta' tieqa ghal fuq il-bitha interna tal-fond servjenti numru 17, Railway Avenue, Hamrun;*

*2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilu prefiss jiftah l-imsemmija tieqa u jirriprestinaha fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u dan taht opra ta' Periti nominadi u fin-nuqqas jawtorizza lir-rikorreenti li jaghmlu x-xogholijiet necessarji huma stes u dang has-spejjez tal-istess intimat".*

B'nota prezentata waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju 2015 mill-attrici u l-konvenut Armeni, gie dikjarat:-

*"Li biha Maltapost p.l.c (C22796) ccedi l-atti tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghal dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-mertu, stante transazzjoni. In kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ispejjez, jinghad li s-socjeta Maltapost p.l.c. u l-konvenut David Armeni qablu li l-kawza odjerna ghandha tibqa' bla taxxa bejniethom.* ***Ma ntlahaq ebda ftehim pero' ma' l-imsejhin fil-kawza l-konjugi Michael u Agnes Pace dwar l-ispejjez ta' dawn l-ahhar****.*

*In vista ta' dan, filwaqt li l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-qbil ta' bejniethom dwar l-ispejjez rispettivi taghhom,* ***qed izommu fermi l-pretensjonijiet taghhom u dan kemm is-socjeta Maltapost p.l.c. u kemm il-konvenut Armeni, fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez****".*

Permezz ta' rikors prezentat fl-20 ta' April 2012 (fol. 47), il-konvenut Armeni kien talab li l-konjugi Pace jissejhu fil-kawza peress li hu kien akkwista l-fond 17, Railway Avenue, Hamrun minghandhom. Min-naha taghhom l-atturi ma kienux oggezzjonaw ghat-talba (ara twegiba a fol. 56).

Il-kaz kien jitratta dwar tieqa li thares ghal fuq bitha interna tal-fond numru 17 Railway Avenue proprjeta tal-Maltapost plc. L-atturi kienu qeghdin jippretendu li l-fond numru 19 igawdi jedd ta' servitu ta' tieqa ghal fuq il-bitha nterna li tifforma parti mill-fond numru 17, Railway Avenue, Hamrun. Servitu li nholqot bil-kuntratt tad-19 ta' Jannar 1976 (fol. 4 *et seq*).

Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tinnota li l-konjugi Pace spjegaw li l-persuna li kienet tokkupa l-fond numru 19 kienet tathom permess sabiex jaghlqu l-fetha oggett tal-kawza. F'dan ir-rigward fid-dikjarazzjoni guramentata (fol. 140) jinghad:

*"6. Illi din il-fetha baqghet hekk minn meta xtrajna sa bejn wiehed u iehor l-1985.*

*7. Illi rridu nghidu li Joseph Sant Angelo kien offrilna illi jekk irridu naghlqu din it-tieqa nistghu naghmlu dan a spejjez taghna bast inhallulu filata ghall-arja".*

Pero' mill-provi rrizulta li din il-persuna ma kenitx sid il-fond numru 19. Ghalhekk m'hemmx dubju li ma setax kien hemm estinzjoni tas-servitu li hemm favur dan il-fond. Il-presenza tal-konjugi Pace f'dawn il-proceduri kienet mehtiega minhabba li Armeni xtara minghandhom u fil-kuntratt ta' akkwist ma kenitx tissemma fil-kuntratt tal-21 ta' Awissu 2003 (Artikolu 1422 tal-Kodici Civili). Certament li t-talbiet kif proposti ma setghu qatt jintlaqghu fil-konfront taghhom.

**Fic-cirkostanzi:**

1. **Tiddikjara l-meritu ezawrit wara li l-Maltapost plc rrinunzjat ghall-kawza.**

2. **Tordna li l-imsejhin fil-kawza jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom meqjus li rrizulta li kienet flokha t-talba li jissejhu fil-kawza u gialadarba rrizulta li kienu huma li ghalqu l-fetha minghajr il-kunsens tas-sidien**.

3. **Tiddikjara li l-attrici u l-konvenuta ma ghandhomx dritt jirkupraw xi spejjez gudizzjarji minghand l-imsejhin fil-kawza gialadarba:-**

   **(a) Il-pretensjoni tal-attrici kienet fil-konfront tal-konvenut Armeni. Ghalkemm il-gudizzju kien diga' integru, il-konjugi**

**Pace ddahhlu fil-kawza minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 1422 tal-Kodici Civili.**

**(b) Il-konvenut ghamel transazzjoni u kienet ghazla tieghu li jiftiehem mal-attrici li l-ispejjez jibqghu bla taxxa. M'ghandux issa dritt jippretendi l-ispejjez minghand l-imsejhin fil-kawza li fil-konfront taghhom m'hemm l-ebda talba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------